MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1930/2002

**Avviz numru: 1930/02AE**

**Legend Advertising Ltd**

**Vs**

**Grech's Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira Maltija (Lm276), prezz ghal reklamar skond invoice datat 22 ta' Marzu 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u dehret biss fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2002 fejn iddikjarat li *"hallset parti mill-ammont billi kkonsenjat merkanzija lis-socjeta attrici"*. Prova ta' dan ma ressqitx.

Semgha lill-avukat Dr. Christopher Cilia in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta'mitejn u sitta u sebghin lira Maltija (Lm276), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**